Ufficċju Komunikazzjoni
ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

*4 ta' Frar, 2011*

19/2011

**ATTIVITAJIET FL-OKKAŻJONI TA' ĠIMGĦAŻWIEĠ**

7 – 13 TA' FRAR, 2011

**It-Tnejn, 7 ta' Frar** – Konferenza Nazzjonali bit-tema, '**Il-Familja fl-Ewropa Ilum**'. Il-kelliem prinċipali ser ikun il-Professur Francesco Belletti, direttur taċ-Ċentru Internazzjonali Studji Familja, f'Milan. Il-Konferenza, li tibda fis-6.30 p.m. u tintemm fit-8.30 p.m. se ssir fil-Phoenicia Ballroom, Floriana. Ser ikun hemm ħin għal interventi qosra jew mistoqsijiet minn dawk preżenti.

**Is-Sibt, 12 ta' Frar** – Seminar Nazzjonali għaż-żgħażagħ ta' bejn it-18 u 35-il sena bit-tema: **Familja – Diversita', Sforz u Sagrifiċċju?** mtella' mill-Group Link (Żgħażagħ Parrocca San Ġorġ, Qormi) bil-kollaborazzjoni tal-Kummissjoni Djoċesana Żgħazagħ u l-Kummissjoni Djoċesana Familja. Is-seminar ser isir fis-sala taċ-Ċentru Animazzjoni u Komunikazzjoni, f'Birkirkara.

**Il-Ħadd, 13 ta' Frar** – Ser jiġi ċċelebrat '**Jum iż-Żwieġ Nisrani**'. Fid-9.00 a.m. ser issir Quddiesa fil-Knisja tal-Madonna tal-Ħlas, Qormi, animata mill-Kummissjoni Djoċesana Familja. Din il-Quddiesa se tixxandar fuq Televison Malta (TVM).

**Il-Ħadd, 13 ta' Frar –** L-Arċisqof Pawlu Cremona O.P. ser jiltaqa' mal-għarajjes kollha li ser jiżżewġu matul din is-sena, għal ċelebrazzjoni tal-Quddiesa, fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt, fis-6.30pm.